MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Numru. 342/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Simon Galea**
**Spettur David Saliba**

**vs**

**Antoine Sultana**
**Christopher Spiteri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Antoine Sultana ta' 23 sena bin Paul u Tessie xebba Pace imwieled Pieta' fil-5 ta' Awwissu 1977 u residenti 'Primrose Hse' Sqaq 6, Triq Santa Lucija, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita' numru 456477 (M) u l-imputat Christopher Spiteri ta' 23 sena bin Salvu u

Anna xebba Galea imwieled il-Pieta' fil-31 ta' Ottubru 1977 u residenti 36, Triq il-Markiz Scicluna, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita' numru 550077 (M) gew imressqa quddiemha akkuzati talli :

Nhar it-3 ta' Marzu 2001, fi Triq il-21 ta' Settembru, Naxxar ghall-habta tal-4 :30p.m. ikkommettew serq ta' Lm600 fi flus kontanti minn gewwa karozza tal-ghamla Isuzu Gemini bin-numru tar-registrazzjoni DAB-842, ghad-dannu ta' Kevin Gatt, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u xorta ta' haga misruqa.

Fl-istess zminijiet u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, u cioe l-imsemmija flus kontanti li l-valur taghhom jeccedi Lm100 izda inqas minn Lm1000, u dan ghad-dannu ta' l-istess Kevin Gatt, liema flus gew mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b' kull mod li jkunu indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Saru recedivi ai termini ta' l-Artikoli 49 u 289 tal-Kodici Kriminali meta huma kienu diga' nstabu u kkundannati ta' reati mill-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Ikkommettew reat waqt il-perjodu operattiv ta' diversi sentenzi sospizi ai terminu tal-Artikolu 28A.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 5 ta' Novembru 2003 fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

<u>FIL-KONFRONT TAZ-ZEWG IMPUTATI</u> :

a) fl-artikoli 261 (a) (g), 267, 271 (g), 279, 280 tal-Kodici Kriminali ;
b) fl-artikoli 334, 49, 289, 28A tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tas-6 ta' Dicembru 2006 l-imputati iddikjaraw li huma m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tal-avukat difensur tal-imputat Antoine Sultana.

Rat li nonostante li d-difensur tal-imputat Christopher Spiteri inghatat il-fakulta' li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet finalli hija naqset milli tipprezenta tali nota.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda serq ta' l-ammont ta' Lm600 fi flus kontanti li allegatament insterqu nhar it-3 ta' Marzu 2001 ghall-habta tal-4.30pm fi Triq 21 ta' Settembru, in-Naxxar. Mill-provi rrizulta li fl-4 ta' Marzu 2001 ghall-habta tas-7.15pm certu Kevin Gatt mill-Mosta mar jaghmel rapport l-Ghassa tan-Naxxar li l-gurnata ta' qabel, u cioe' fit-3 ta' Marzu 2001, ghall-habta tas-2.30pm meta kellu l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAB 842 parkeggjata u bit-twieqi miftuhin fi Triq 21 ta' Settembru, in-Naxxar, u waqt li huwa kien qed icempel minn *telephone booth* man-naha l-ohra tat-triq, insteraqlu *pouch* li kien fil-karozza u li kien fih Lm600 f'kontanti. Dan Kevin Gatt irraporta lil Pulizija li huwa kien ra vann ta' lewn blu jieqaf hdejn il-vettura tieghu, ra lis-sewwieq ta' dan il-vann johrog minnu, jiftah il-bieb tal-vettura tieghu u jiehu l-*pouch* bil-flus. L-imputat indika lil Pulizija li s-sewwieq tal-vann kien certu Antoine Sultana mill-Mosta filwaqt li l-passiggier li kien hemm fil-vann kien certu Christopher Spiteri minn-Naxxar. Kevin Gatt meta gie mistoqsi x'kienet ir-raguni li kien ghamel ir-rapport gurnata wara li allegatament insterqulu l-flus irrisponda li peress li kien jaf liz-zewg persuni koncernati xtaq li jirranga magghom bil-kwiet. Meta l-Pulizija baghtet ghat-tnejn min-nies indikati minn Kevin Gatt, u cioe' l-imputati fil-kawza odjerna, dawn cahdu li kienu serqu il-*pouch* bil-flus mill-vettura ta' Gatt izda spjegaw li huma kienu ftehmu mal-imsemmi Gatt li kienu ser ibieghulu d-droga u huwa kien ghaddilhom il-flus volontarjament sabiex jghaddulu d-droga. Kemm Antoine Sultana kif ukoll

Christopher Spiteri irrilaxxjaw stqarrija li mbaghad ikkonfermaw bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti (process verbal relattiv jinsab inserit a fol. 32 et sequitur tal-atti processwali.

Fl-istqarrija rilaxjata mill-imputat Antoine Sultana u esebita a fol. 46 tal-process insibu li Antoine Sultana qal li madwar gimgha qabel kien avvicinah certu Darren Debono u qallu li Kevin Gatt ried jxtri xi droga. Aktar tard fl-istess gurnata huwa kien kellem lil Kevin Gatt u kien qallu li seta' jbieghlu id-droga izda qallu li ma kienx f'posizzjoni li jaqdih dakinhar stess u huma ghalhekk ftehmu li Kevin Gatt kellu jcempillu l-ghada. L-ghada fil-fatt dan Kevin Gatt cempillu u ftehmu li jiltaqghu wara nofsinhar hdejn il-Vibes. Meta ltaqghu ftehmu li Antoine Sultana kien ser ibieghlu d-droga u Gatt ghaddielu Lm600 minn pouch iswed li kellu fil-vettura tieghu u Sultana jghid li huwa ftehim mieghu li kien ser jghaddielu d-droga l-ghada. Wara li telaq Kevin Gatt minn fuq il-post hu u Christopher Spiteri ftehmu li kienu ser jaqsmu l-flus bejniethom minghajr ma jikkonsenjaw ebda droga lil Gatt.

Fl-istqarrija minnu rilaxxjata (inserita a fol. 17 sa 19 tal-process) Christopher Spiteri ikkorrobora dak li kien qal lil Pulizija Antoine Sultana izda qal li wara li hadu l-flus minghand Gatt hu u Antoine Sultana marru u xtraw id-droga ghalihom b'dawn il-flus.

Kevin Gatt xehed f'dawn il-proceduri fl-udjenza tal-25 ta' Settembru 2002 fejn ikkonferma il-verzjoni tal-fatti li kien qal lil Pulizija meta ghamel ir-rapport u qal li kellu dak l-ammont ta' flus fuqu ghaliex kien ghadu kemm biegh mutur u kien sejjer jiddepozita l-flus il-bank. Huwa qal ukoll li mar jaghmel ir-rapport l-ghada li ttiehdulu l-flus ghaliex kien jaf liz-zewg imputati u ghalhekk dakinhar stess mar jipprova ifittixhom il-pjazza sabiex jippruvaw jirrangaw il-kwisjtoni bil-kwiet izda ma sabhomx.

F'dawn il-rpoceduri xehed ukoll Darren Debono (traskrizzjoni tax-xhieda inserita a fol. 171 sa 173 tal-process fejn ikkonferma dak li kien qal meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti (xhieda guramentata

inserita a fol. 36 tal-process) fejn kien qal li kien avvicinah certu Steve li kien ta’ nazzjonalita’ Gharbija u talbu minn fejn seta’ jixtri sapuna (droga) u dak il-hin ghadda l-imputat Antoine Sutlana u ghajajtlu hdejhom. Dejjem skond Darren Debono dan l-Gharbi mar icempel lil Kevin Gatt u ftit wara gie Gatt fuq il-post u rah jitkellem mal-imputat Antoine Sultana u huwa sema’ lil Antoine Sutlana u lil Kevin Gatt jiftehmu sabiex jiltaqghu l-ghada fis-saghtejn ta’ wara nofsinhar. Darren Debono qal ukoll li Antoine dak il-hin wasslu bil-karozza u qallu li kien ser jiltaqa’ l-ghada ma’ Kevin Gatt u qallu wkoll li kien ser jahseb fih. Dan ix-xhud qal ukoll li l-ghada kien tkellem mieghu il-persuna ta’ nazzjonalita’ Gharbija li jismu Steve u qallu li l-imputat Antoine Sultana ma kienx mexa’ ta’ ragel ghaliex ma kienx ikkonsenja is-sapuna lil Kevin Gatt kif kien ftiehem li ser jaghmel.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz u jidrilha li l-kaz kollu tal-Prosekuzzjoni jirrivolvi fuq ix-xhieda moghtija minn Kevin Gatt. Il-Qorti jidrilha li-verzjoni tal-fatti moghtija minn dan Gatt m’hijex verosimili u hija ferm aktar propensa li temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija miz-zewg imputati fl-istqarrija minnhom rilaxxjata, liema verzjoni giet konfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Dan jinghad ghal diversi ragunijiet, fosthom il-fatt li Kevin Gatt ghazel li jmur jaghmel rapport dwar dak ll huwa jallega li kien gara akar minn erba’ u ghoxrin siegha wara li suppost sehhet is-serqa minnu allegata. L-ispjegazzjoni minnu moghtija ghal dan id-dewmien hija li huwa ried l-ewwel jipprova jirranga maz-zewg imputati ghaliex kien jafhom qabel ma jaghmel ir-rapport. Fil-fehma tal-Qorti huwa aktar probabbli li huwa mar jaghmel ir-rapport fl-4 ta’ Marzu 2001 wara li l-imputati naqsu milli jikkonsenjaw id-droga kif miftiehem u wara li kienu hadulu l-flus minghajr ma kkonsenjawlu d-droga. Il-Qorti inoltre jidrilha li l-verzjoni tal-fatti moghtija miz-zewg imputati, liema verzjoni hija koroborata mix-xhieda ta’ Darren Debono, hija aktar verosimili anki ghaliex fil-verzjoni minnhom moghtija huma implikaw

ruhhom f'reati ferm aktar gravi (traffikar ta' droga) minn dawk li qed jigu akkuzati bihom fil-kawza odjerna.

Il-Qorti jidrilha li jezisti kunflitt ta' provi li johloq dubju f'mohh il-gudikant u ovvjament dan id-dubju ghandu jimmilita favur l-imputati

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------